# 40. Il-Ħolma tal-Kampanella

Il-kampanella
imxabbta mal-arzella
toħlom il-ħolma tar-rebbiegħa
kif jagħmel kull artist;
tagħmel girlanda
mal-arzella,
u dawra mfawra
fin-nofs
ta' fjur
bis-sura ta' trombetta,
ċkejkna, fina,
rżina,
bl-iżraq fuq xofftejha,
lewn iżraq tas-smewwiet,
u bl-abjad f'fommha,
lewn abjad
tas-silġ ta' fuq l-għoljiet.
Oh! x'ħolma mhennija
tar-rebbiegħa!

Għad-dell tal-kampanella,
taħt l-arzella
hemm pittur
iħażżeż fuq it-tila
il-ħolma tal-fjur;
u ħażżeż kampanella
mxabbta mal-arzella
b'dawra
mfawra
ta' fjuri fin-nofs,
girlanda ta' fjuri fit-tarf,
koħol bħan-nir tas-smewwiet,
bojod bħas-silġ tal-għoljiet.
Oh! x'ħolma mhennija
tar-rebbiegħa!

Il-ħolm tan-Natura minn fejn?
il-ħolma tal-Arti minn fejn?
ma nafx, ma nafx,
naf biss illi t-tnejn
jeżistu, reali,
fil-ġisem, fil-ħsieb,
mifruda, magħżula,
'mma dejjem ħbieb,
dejjem ħajjin,
dejjen ħenjin!